MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Numru 10/2000

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Emanuel sive Leli Camilleri**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fl-20 ta' Settembru 2000 mill-Onorabbli Qorti Kriminali li tghid hekk:

" Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza nru. 10 tas-sena 2000;

Rat in-nota tal-akkuzat Emanuel sive Leli Camilleri tat-28 ta' April, 2000, li permezz taghha huwa ta avviz skond il-ligi ta' diversi eccezzjonijiet preliminari, kif ukoll indika x-xhieda u indika (mhux ipproduca) xi dokumenti/oggetti li ghandu l-hsieb li juza fil-kawza;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-3 ta' Mejju, 2000, li permezz taghha ta avviz ta' eccezzjoni dwar l-ammissibilita` ta' provi indikati mill-akkuzat fin-nota msemmija fil-paragrafu precedenti, u precisament il-provi minn 2(b) sa (u) u dan peress li, skond l-Avukat Generali, "l-indikazzjonijiet moghtija huma generici wisq u ma jidhirx ghaliex dawn ix-xhieda ghandhom jigu annessi [**recte:** ammessi]";

Rat ir-rikors tal-akkuzat, ukoll presentat fit-28 ta' April, 2000, li permezz tieghu huwa talab li din il-Qorti (1) tordna lir-Registratur tal-Qorti jippresenta f'dawn l-atti l-pakkett allegatament kontenenti droga elevata minn fuq il-persuna ta' Sarah Mizzi, is-sitt pakketti allegatament kontenenti droga elevati minn fuq Marco Abdilla, (2) tahtar espert sabiex jelava impronti digitali minn fuq l-imsemmija pakketti, (3) tahtar espert sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn impronti digitali hekk elevati ma' dawk tal-akkuzat, (4) tordna sabiex kull prova u/jew rapport fir-rigward isir jifforma parti minn dawn l-atti, (5) u taghti kull provvediment iehor fir-rigward li jkun xieraq u opportun;

Rat ir-risposta oppositorja tal-Avukat Generali tat-3 ta' Mejju, 2000 ghal dan ir-rikors;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-26 ta' Mejju, 2000, mnejn jirrisulta li l-akkuzat irtira l-ewwel, it-tieni, il-hames u s-seba' eccezzjoni minnu sollevati permezz tan-nota msemmija tat-28 ta' April, 2000, u aktar precisament l-eccezzjonijiet immarkati bl-ittri (a), (b), (e) u (g); jonqos ghalhekk li jigu decizi biss l-eccezzjonijiet immarkati bl-ittri (c), (d) u (f);

Rat in-nota tal-akkuzat tal-1 ta’ Gunju, 2000, li permezz taghha indika l-oggett tal-prova tad-diversi xhieda imsemmija fin-nota tieghu tat-28 ta’ April, 2000;

Rat ukoll il-verbal ta’ l-udjenza tat-28 ta’ Lulju, 2000, mnejn jirrisulta li l-Avukat Generali irtira l-eccezzjoni tal-inammissibilita` tax-xhieda indikati (fin-nota tal-akkuzat) bl-ittri H, K, L, O, P, Q, R, T u U;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

A. L-ewwel li ser jigu kkunsidrati u decizi huma l-eccezzjonijiet tal-akkuzat. Kif diga gie osservat, f’dana l-istadju din il-Qorti ghandha tiddeciedi biss dwar l-eccezzjonijiet bl-ittri (c), (d) u (f).

1. *… omissis …*

2. Permezz tal-eccezzjoni (d) l-akkuzat qed jeccepixxi n-nullita` tal-hames kap tal-Att ta’ Akkuza “peress li r-reat dedott f’dan il-Kap ma hux riprodott kif migjub fil-ligi”. Hawnhekk l-akkuzat jaghmel referenza kemm ghall-Artikolu 589(d) tal-Kodici Kriminali kif ukoll ghall-Artikoli 449(5)(a) u 214. Fil-kors tat-trattazzjoni l-abbili difensur tal-akkuzat, Dott. Ian Farrugia, fisser li din l-eccezzjoni kienet qed tinghata peress li fil-parti akkuzatorja ma hemmx inkluzi l-kliem “minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car”, kliem li bih jibda l-Artikolu 214. Issa, huwa veru li dawn il-kliem thallew barra, izda din il-Qorti hi tal-fehma li bil-kliem adoperati mill-Avukat Generali, l-akkuza ta’ offiza volontarja gravi *per durata* fuq il-persuna hi fil-fatt deskritta <u>fis-sustanza</u> bhalma hi migjuba jew deskritta fil-ligi. Il-paragrafu (a) tas-subartikolu 5 tal-Artikolu 449 jirrikjedi li r-reat jigi deskritt fis-sustanza, <u>jigifieri fl-elementi essenzjali tieghu</u>, bl-istess mod bhalma hu deskritt fil-ligi, u mhux necessarjament li jintuzaw l-istess kliem ezatti li hemm fil-ligi jew kull kelma li hemm fil-ligi. L-Avukat Generali uza s-segwenti lokuzzjoni: “…[sar] hati ta’ offiza volontarja fuq il-persuna ta’ natura gravi billi gabet marda tal-gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed inkella ghal daqshekk

zmien zammet lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu”. Kif inghad, fil-fehma tal-Qorti dawn il-kliem jirriproducu fis-sustanza r-reat ta’ offiza volontarja gravi *per durata* fuq il-persuna. Pero` l-Qorti sejra *ex officio* tordna korrezzjoni biex dak li hu diga car isir aktar car. Ghaldaqstant din il-Qorti tiddisponi minn din l-eccezzjoni tal-akkuzat **billi tichadha**, izda qieghda *ex officio* **tordna l-korrezzjoni segwenti**, u cioe` li minflok il-kliem “…hati ta’ offiza volontarja fuq il-persuna ta’ natura gravi billi gabet marda tal-gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed inkella ghal daqshekk zmien zammet lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu” kull fejn dawn jirrikorru fit-tieni u fir-raba’ paragrafi tal-hames kap, ghandhom jidhlu l-kliem “…hati talli, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra, liema offiza volontarja fuq il-persuna hija ta’ natura gravi peress li gabet marda tal-gisem li damet ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien zammet lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu”.

3. It-tielet eccezzjoni tal-akkuzat – dik taht l-ittra (f) – tghid hekk: “Illi fl-ewwel u t-tieni Kap tal-Att ta’ Akkuza, l-Avukat Generali qieghed iressaq il-quddiem ir-reat kontinwat (artikolu 18 tal-Kap. 9). Illi dan huwa meqjus bhala reat wiehed u ghalhekk skond il-principji generali tad-dritt u procedura penali (ara ukoll artikolu 27 tal-Kap. 9) it-talba ghall-kundanna ghall-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor hija legalment insostenibbli”. Din l-eccezzjoni hi marbuta mal-emendi introdotti fl-Artikolu 22 tal-Kap. 101 bl-Att XVI ta’ l-1996, liema emendi gew fis-sehh fil- 5 ta’ Lulju, 1996. Permezz ta’ dawn l-emendi il-piena li tista’ (anzi, f’certu sens, hi obbligata) taghti din il-Qorti fil-kaz ta’ traffikar ta’ droga saret dik tal-prigunerija ghall-ghomor (mentri qabel kienet dik ta’ prigunerija ta’ mhux anqas minn erba snin izda mhux aktar minn ghoxrin sena u multa entro certi parametri). Bazikament, dak li qed jikkontendi l-akkuzat hu li, galadarba l-Avukat Generali qed jipproponi l-figura tar-reat kontinwat, b’atti li sehhew kemm taht il-ligi kif kienet qabel u atti ohrajn li sehhew taht l-imperu tal-ligi l-gdida li hi aktar severa fil-

piena[1], il-piena ghandha tkun dik l-aktar miti, u cioe` taht il-ligi l-antika. Issa, kif din il-Qorti diga kellha okkazzjoni li tfisser diversi drabi, il-kwistjoni tal-piena applikabbli mhix strettament materja ta' eccezzjoni preliminari, izda ghandha titqajjem fl-istadju msemmi fl-ewwel parti tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 490 tal-Kodici Kriminali. Apparti dan, pero`, l-akkuzat m'ghandux ragun ghal dak li jirrigwarda l-piena applikabbli fil-kaz ta' reat kontinwat. Jekk jirrisulta bhala fatt – u dan jista' jkun is-suggett ta' kwezit lill-gurati maghmul lilhom taht l-Artikolu 477 – li l-ahhar att ta' traffikar sehh taht l-imperu tal-ligi l-gdida aktar severa, ir-reat ikun gie kkunsmat taht din il-ligi, u hi din il-ligi li hi applikabbli ghal dik li hi piena. Dan il-punt gie trattat *funditus* minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju, 1999 fil-kawza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Camilleri***, ghall-liema sentenza qed issir referenza a skans ta' ripetizzjoni. Ghall-motivi premessi **tichad** din it-tielet eccezzjoni tal-akkuzat.

*… omissis …*

U b'dan il-mod tiddisponi minn dak kollu li f'dana l-istadju kellha tiddeciedi."

Rat li minn din is-sentenza l-akkuzat ipprezenta rikors ta' appell fil-25 ta' Settembru 2000 li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn cahdet l-eccezzjonijiet tieghu mmarkati fil-paragrafi (d) u (f) u minflok tilqa' dawn l-eccezzjonijiet skond il-ligi, u (2) tikkonfermaha fil-bqija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

[1] In fatti fl-ewwel paragrafu kemm ta' l-ewwel kap kif ukoll tat-tieni kap jinghad li l-akkuzat iddecieda li jaghtiha ghat-traffikar tad-droga (erojina u kokajina) "bejn l-ewwel (1) ta' Mejju, elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) u l-hmistax (15) ta' Gunju tal-elf disa' mija u tmienja w disghin (1998)".

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-eccezzjoni tieghu bl-ittra (d), u cioe` dik dwar in-nullita` tal-hames kap ta' l-att ta' akkuza peress li r-reat dedott f'dan il-kap mhuwiex riprodott kif migjub fil-ligi. Huwa jghid testwalment:

"L-esponent jirrileva li minkejja li fil-hames kap qed jingieb 'il quddiem (fost ohrajn) l-artikolu 214, pero` mkien ma tintuza l-kelma tal-ligi u precizament il-kliem *'minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car'*. B'kull rispett din il-frazi hija l-korrispettiv tal-element intenzjonali meta si tratta ta' delitti ta' offizi volontarji fuq il-persuna. Certament ukoll li din il-frazi mhijiex qieghdha hemm ghal xi raguni ornamentali jew kosmetika.

Tkompli ghalhekk tissahhah il-fehma umili tal-esponent illi bl-applikazzjoni u interpretazzjoni kongunta tal-artikolu 589(d) ma' 449(5)(a) il-legislatur ried proprju li l-kelma tal-ligi tigi segwita u rispettata rigorozament. Bl-ebda mod ma jista' jigi accettat, legalment u proceduralment, li l-kelma tad-dispost tal-ligi (ossia artikolu tal-ligi), tigi sostitwita - f'dan il-kaz f'Kap ta' Att ta' Akkuza, att tant solenni fil-procedura penali taghna - b'xi kelma ohra li effettivament tintuza biex tindika xi sub-titolu jew 'margin-notes'.

Huwa f'dan is-sens li l-esponent umilment jemmen li dan in-nuqqas tal-uzu, mhux ta' kelma wahda, izda ta' frazi shiha u sostanzjali li tohrog mill-artikolu 214 tal-Kap 9, igib per konsegwenza n-nullita` tal-hames kap".

Evidentement l-eccezzjoni in kwistjoni hi bbazata fuq il-paragrafu (a) tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 449 tal-Kodici Kriminali, liema paragrafu jitkellem dwar "meta r-reat fl-att ta' akkuza ma jkunx migjub jew deskritt, <u>fis-sustanza</u>, bhal ma hu migjub jew deskritt fil-ligi" (sottolinear tal-Qorti). Kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti, dak li l-ligi trid hu li "r-reat jigi deskritt fis-sustanza, <u>jigifieri fl-elementi essenzjali tieghu</u>, bl-istess mod bhal ma hu deskritt fil-ligi, u mhux necessarjament li jintuzaw l-istess kliem ezatti li hemm fil-ligi jew kull kelma li hemm fil-ligi". Ghalhekk fejn kap f'att ta' akkuza jallega reat li ma jezistix fil-ligi taghna, dak il-

kap huwa null. Izda fejn reat li jezisti fil-ligi taghna ma jigix deskritt akkuratament, izda "fis-sustanza" tali kap jiddeskrivi r-reat in kwistjoni, allura dak ma jgibx in-nullita` izda, ghall-fini ta' aktar kjarezza, tista' tigi ordnata korrezzjoni mill-Qorti.

Minn ezami tal-hames kap ta' l-att ta' l-akkuza m'hemm l-ebda dubju ghal liema reat dan il-kap qieghed jirreferi, u cioe` dak ta' offiza volontarja gravi *per durata* fuq il-persuna skond l-artikoli 214 u 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali, artikoli li huma citati fl-istess kap; u d-dicitura uzata mill-Avukat Generali fid-deskrizzjoni tar-reat tirriproduci "fis-sustanza" dak ir-reat. Il-korrezzjoni ordnata mill-Ewwel Qorti *ex officio*, fi kliemha stess, ghamlet aktar car dak li hu diga` car. U ma' dan, din il-Qorti taqbel perfettament.

Din il-Qorti ezaminat ukoll is-sentenza li ghaliha rrefera l-abbli difensur ta' l-appellant fis-sottomissjonijiet orali tieghu, u cioe` dik moghtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali (u mhux din il-Qorti) fl-4 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Victor Galea et** (li ma gietx appellata) u ssib li c-cirkostanzi f'dik il-kawza huma ferm differenti minn dawk hawn in ezami.

Ghalhekk l-ewwel aggravju ta' l-appellant hu respint.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-eccezzjoni ta' l-appellant taht il-paragrafu (f). Dwar dan l-appellant ighid:

"Jinghad b'kull rispett li la darba fl-ewwel u fit-tieni kap tal-Att tal-Akkuza l-Avukat Generali ressaq 'il quddiem ir-reat kontinwat fejn ai termini tal-artikolu 18 ta' Kap 9 *'l-atti jitqiesu bhala reat wiehed'*, dan ifisser li l-applikazzjoni tad-dispost tal-artikolu msemmi marbuta mal-interpretazzjoni li jinghata lill-artikolu 27 tal-Kap 9, il-konsegwenza legali relattiva ghall-piena applikabbli hija li ghandha tigi kontemplata mhux il-piena ghall-prigunerija ghall-ghomor izda l-piena dik l-aktar miti u cioe` dik ikkontemplata fil-ligi qabel ma gew introdotti l-emendi tal-1996 (Att XVI li gew fis-sehh fil-5 ta' Lulju 1996), u cioe`

dik ta' prigunerija ta' mhux anqas minn erba' snin izda mhux aktar minn ghoxrin sena - apparti l-multa.

Imkien ma jidher fil-ligi taghna, u dana fil-fehma umili tal-esponent, li hemm xi interpretazzjoni ohra li ghandha tinghata ghas-sitwazzjoni ossia cirkostanza mqajma permezz tal-eccezzjoni tieghu taht il-paragrafu (f).

Kienet l-ghazla tal-Avukat Generali li jipprospetta r-reat kontinwat. Seta' kieku ried ma jaghmilx hekk u jassigura, almenu prima facie, l-applikazzjoni tal-pieni sussegwenti ghall-emendi tal-1996.

Ukoll b'kull rispett jigi osservat li din l-eccezzjoni hija wahda purament teknika u legali u bl-ebda mod ma tista' tigi marbuta mal-poter tal-guri li jiddelibera **fuq kull punt ta' fatt**.

Salv kull sottomissjoni ohra li tista' ssir waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umli appell, l-esponent umilment jemmen li din l-eccezzjoni tieghu mmarkata (f) kellha tigi akkolta".

Essenzjalment b'din l-eccezzjoni l-appellant jippretendi li galadarba l-Avukat Generali kien qieghed jakkuzah bir-reat kontinwat ta' traffikar, liema reat beda jigi kommess qabel l-emendi introdotti bl-Att XVI tal-1966, il-piena ghar-reat ghandha tkun dik ta' qabel ma gew introdotti dawk l-emendi u mhux applikabbli, ghalhekk, il-piena tal-ghomor.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa dak li qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-dawl tas-sottomissjonijiet ta' l-appellant u jidhrilha illi d-decizjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward hija ineccepibbli u ma jaghmilx sens illi jigi deciz dak li qed jigi suggerit mill-appellant. Dan qed jigi deciz ghall-istess ragunijiet spjegati fl-istess sentenza appellata, b'riferenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali tat-28 ta' Mejju 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri** ikkonfermata minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2001 li ghaliha qed issir riferenza a skans ta' ripetizzjoni. Ghalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-kaz li zzid ma' dak li hemm fis-sentenza appellata peress li taqbel perfettament ma' dak li ntqal hemm.

Dan l-aggravju huwa ghalhekk respint ukoll.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell in kwantu giet mitluba r-revoka tas-sentenza appellata fejn cahdet l-eccezzjonijiet ta' l-appellant immarkati (d) u (f) u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha. L-atti qed jigu trazmessi lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------